

Brussell, 24 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10046/20

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0135(CNS)
2020/0135(CNS)

RESPR 51
FIN 523
CADREFIN 191
POLGEN 132

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2020/...

ta'...

**dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u
li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

¹ Opinjoni ta' (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni trid tiggarrantixxi riżorsi adegwati għall-iżvilupp fl-ordni tal-politiki tal-Unjoni, soġġett għall-ħtieġa ta' dixxiplina baġitarja stretta. L-iżvilupp tas-sistema tar-riżorsi proprji jista' u anke jenħtieġ li jikkontribwixxi, bl-akbar sehem possibbli, għall-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni.
- (2) It-Trattat ta' Lisbona daħħal tibdil fid-dispożizzjonijiet marbuta mas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, li jippermetti l-abolizzjoni ta' kategorija eżistenti ta' riżorsi proprji u t-twaqqif ta' kategorija ġdida.
- (3) Il-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 appella lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) sabiex issir sempliċi u trasparenti kemm jista' jkun, biex tissaħħaħ ir-rabta mal-politika tal-Unjoni dwar il-VAT u r-riċevuti reali tal-VAT, kif ukoll sabiex jiġi ggarantit it-trattament indaqs tal-kontribwenti fl-Istati Membri kollha.
- (4) F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE. Fih, il-Kummissjoni pproponiet firxa ta' għażliet fejn ir-riżorsi proprji jintrabtu b'mod aktar viżibbli mal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari mas-suq uniku u mat- tkabbir sostenibbli. Skont id-dokument, bl-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, jenħtieġ li tingħata attenzjoni għat-trasparenza, is-sempliċità u l-istabbiltà tagħhom, il-konsistenza tagħhom mal-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni, l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività u t- tkabbir sostenibbli, u t-tqassim ekwu tagħhom fost l-Istati Membri.

- (5) Is-sistema preżenti għad-determinazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għet ikkritikata ripetutamente mill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri bħala waħda kkomplicata wisq. Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 għalhekk ikkonkluda li huwa xieraq li jiġi ssimplifikat il-kalkolu ta' dik ir-riżorsa proprja.
- (6) Sabiex l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni jiġu allinjati aħjar mal-prijoritajiet politiċi tagħha, sabiex jirriflettu aħjar ir-rwol tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ("il-baġit tal-Unjoni") fil-funzjonament tas-suq uniku, biex jappoġġaw aħjar l-oġettivi tal-politiki tal-Unjoni u biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq id-dħul nazzjonali gross (DNG) għall-baġit annwali tal-Unjoni, il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 ikkonkluda li fis-snin li ġejjin l-Unjoni ser taħdem biex tirrifirma s-sistema tar-riżorsi proprji u tintroduċi riżorsi proprji ġodda.
- (7) Bħala l-ewwel pass, jenħtieġ li tiġi introdotta kategorija ġdida ta' riżorsi proprji bbażata fuq kontribuzzjonijiet nazzjonali kkalkulati abbażi tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat. F'konformità mal-istrategġija tal-Unjoni dwar il-plastik, il-baġit tal-Unjoni jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis minn skart mill-imballaġġ tal-plastik. Riżorsa proprja li tkun ibbażata fuq kontribuzzjonijiet nazzjonali li jkunu proporzjonali għall-kwantità ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jiġix irriċiklat f'kull Stat Membru ser tipprovdi inċentiv biex jitnaqqas il-konsum ta' plastik li jintuża darba biss, jitraxxem irriċiklar u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. Fl-istess ħin, l-Istati Membri ser ikunu liberi li jieħdu l-miżuri l-aktar xierqa sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li jiġi applikat mekkaniżmu ta' aġġustament bi tnaqqis annwali ta' somma f'daqqa għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bi DNG per capita fl-2017 anqas mill-medja tal-UE. Jenħtieġ li t-tnaqqis jikkorrispondi għal 3,8 kilogrammi mmultiplikati bil-popolazzjoni fl-2017 tal-Istati Membri kkonċernati.

- (8) Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 innota li, bħala bażi għal riżorsi proprji addizzjonali, fl-ewwel semestru tal-2021 il-Kummissjoni ser tressaq proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u imposta diġitali bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tressaq proposta riveduta dwar l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, biex possibbilment testendiha għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu. Ikkonkluda li tul il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perijodu 2021-2027 ("QFP 2021-2027"), l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.
- (9) Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 ikkonkluda li jenħtieġ li l-arranġamenti tar-riżorsi proprji jimxu skont l-oġettivi globali tas-sempliċità, it-trasparenza u l-ekwiżità, inkluż il-qsim ġust tal-piżijiet. Ikkonkluda wkoll li d-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, u fil-kuntest tal-appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza, anki l-Ġermanja, iridu jibbenefikaw minn korrezzjonijiet b'somma f'daqqa għall-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq id-DNG għall-perijodu 2021-2027.
- (10) Jenħtieġ li l-Istati Membri, permezz ta' kosti tal-ġbir, iżommu 25 % tal-ammonti tar-riżorsi proprji tradizzjonali li jiġbru.

- (11) Jenħtieġ li l-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-Unjoni tkun akkumpanjata minn żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Huwa neċessarju li jkun hemm marġini suffiċjenti bejn il-pagamenti u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' - fi kwalunkwe ċirkostanza - twettaq l-obbligi finanzjarji tagħha, anki fi żminijiet ta' kriżi ekonomika.
- (12) Jenħtieġ li jiġi ppreservat marġini suffiċjenti skont il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-Unjoni biex tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha tagħha li jkunu dovuti fi kwalunkwe sena partikolari. Jenħtieġ li l-ammont totali ta' riżorsi proprji allokat għall-baġit tal-Unjoni biex ikopri approprjazzjonijiet ta' pagament annwali ma jaqbiżx il-1,40 % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li l-ammont annwali totali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ma jaqbiżx il-1,46 % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri kollha.
- (13) Sabiex l-ammont ta' riżorsi finanzjarji li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Unjoni ma jinbidilx, huwa xieraq li l-livell massimu tar-riżorsi proprji għal approprazzjonijiet għall-pagamenti u għal approprazzjonijiet għall-impjenji espress bħala perċentwali tad-DNG jiġi aġġustat, fil-każ ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fil-livell tad-DNG.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

- (14) L-impatt ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19 jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-Unjoni jkollha kapaċità finanzjarja suffiċjenti f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi. L-Unjoni teħtieġ li tipprovdi għaliha nfisha l-mezzi biex tilħaq l-oġettivi tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji fuq skala eċċezzjonali huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, mingħajr ma tiżdied il-perssjoni fuq il-finanzi tal-Istati Membri f'mument fejn il-baġits tagħhom diġà huma taħt perssjoni enormi biex jiffinanzjaw miżuri ekonomiċi u soċjali nazzjonali marbuta mal-kriżi. Jenħtieġ għalhekk li jkun hemm rispons eċċezzjonali fil-livell tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, huwa xieraq li fuq bażi eċċezzjonali l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissellef temporanjament sa EUR 750 000 miljun bi prezzijiet tal-2018 fis-swieq kapitali f'isem l-Unjoni. Jintużaw sa EUR 360 000 miljun bi prezzijiet tal-2018 tal-fondi mislufa biex jingħata self u sa EUR 390 000 miljun bi prezzijiet tal-2018 tal-fondi mislufa għall-infiq, it-tnejn għall-iskop uniku li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19.
- (15) Dan ir-rispons eċċezzjonali jenħtieġ li jindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 u jevita li din terġa' tfeġġ. Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ ikun limitat fiż-żmien u li l-biċċa l-kbira tal-finanzjament tingħata immedjatament wara l-kriżi, jiġifieri li l-impenji legali ta' programm iffinanzjat minn dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jsiru sal-31 ta' Diċembru 2023. L-approvazzjoni tal-pagamenti taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tkun soġġetta għat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li ser jiġu vvalutati skont il-proċedura rilevanti stabbilita fir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jirrifletti l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020.

- (16) Żieda straordinarja u temporanja fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji hija neċessarja biex tiflaħ għall-obbligazzjonijiet marbuta mas-self previst ta' fondi. Għalhekk, għall-iskop uniku ta' kopertura tal-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mis-self li tagħmel biex tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, il-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet għal pagamenti u l-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet għal impenji jenħtieġ li jiżdiedu kull wieħed b'0,6 punti perċentwali. Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tissellef fondi fis-swieq kapitali, fisem l-Unjoni, għall-iskop uniku u esklussiv li tiffinanzja miżuri li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 hija marbuta mill-qrib maż-żieda fil-limiti massimi ta' riżorsi proprji previst f'din id-Deċiżjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, mal-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Għaldaqstant, dik is-setgħa mogħtija jenħtieġ li tiġi inkluża f'din id-Deċiżjoni. In-natura mingħajr preċedent ta' din l-operazzjoni u l-ammont eċċezzjonali tal-fondi li jridu jissellfu jitolbu ċertezza dwar il-volum globali tal-obbligazzjoni tal-Unjoni u l-karatteristiċi essenzjali tal-ħlas lura tagħha, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' strateġija ta' self diversifikata.
- (17) Iż-żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji hija meħtieġa għaliex inkella l-limiti massimi ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati li l-Unjoni għandha bżonn biex tissodisfa l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-setgħa eċċezzjonali u temporanja mogħtija biex tissellef fondi. Il-ħtieġa li jkun hemm rikors għal din l-allokkazzjoni addizzjonali ser tkun ukoll waħda temporanja biss billi l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti rilevanti ser jonqsu maż-żmien hekk kif il-fondi mislufa jitħallsu lura u s-self jimmatara. Għaldaqstant, jenħtieġ li ż-żieda tiskadi meta l-fondi mislufa kollha jkunu tħallsu lura u l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha marbuta mis-self li jingħata abbażi ta' dawk il-fondi jkunu spiċċaw, li jenħtieġ li jsir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.

- (18) L-attivitajiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 jeħtieġ li jkunu sinifikanti u jridu jseħħu fi żmien relattivament qasir. Is-self ta' fondi jeħtieġ li jsir skont dan iż-żmien. Għaldaqstant jenħtieġ li l-attività ġdida ta' self nett tieqaf sa mhux aktar tard minn tmiem l-2026. Wara l-2026 l-operazzjonijiet mutwatarji jenħtieġ li jkunu strettament limitati għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tad-dejn. Meta timplimenta l-operazzjonijiet permezz ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata, jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-kapaċità tas-swieq bl-aħjar mod biex tassorbi s-self ta' ammonti ta' fondi daqstant sinifikanti b'maturitajiet differenti, inkluż il-finanzjament fuq terminu qasir għall-fini tal-ġestjoni tal-flus kontanti, u li tiżgura l-aktar kundizzjonijiet vantaġġużi għall-ħlas lura. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni, b'mod regolari u komprensiv, tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-ġestjoni tad-dejn tagħha. Malli jsiru magħrufa l-iskedi ta' pagament għall-politiki li għandhom jiġu ffinanzjati mis-self, il-Kummissjoni ser tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kalendarju tal-ħruġ li jkun fih id-dati tal-ħruġ mistennija kif ukoll il-volumi mistennija għas-sena li jmiss kif ukoll pjan li jistipula l-pagamenti tal-kapital u tal-imgħax mistennija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna dak il-kalendarju b'mod regolari.

- (19) Il-ħlas lura ta' fondi mislufa bl-iskop li jingħata appoġġ li ma jitħallasx lura, li jingħata appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji jew il-provvediment għal garanziji baġitarji, kif ukoll il-pagament tal-imgħax dovut, jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-fondi mislufa li jintużaw biex jingħata self lill-Istati Membri jitħallsu lura bl-użu tas-somom li jkunu waslu mingħand l-Istati Membri benefiċjarji. Hemm bżonn li r-riżorsi meħtieġa jiġu allokatu u jsiru disponibbli għall-Unjoni biex hija tkun tista' tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha tagħha li jirriżultaw mis-setgħa eċċezzjonali u temporanja mogħtija biex tissellef fondi fi kwalunkwe sena partikolari u fi kwalunkwe ċirkostanza, f'konformità mal-Artikolu 310(4) u l-Artikolu 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (20) L-ammonti mhux użati għall-ħlas tal-imgħax kif previst ser jintużaw għall-ħlas lura bikri qabel tmiem il-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, u jistgħu jizdedu 'il fuq minn dan il-livell dment li riżorsi proprji ġodda jkunu ġew introdotti wara l-2021 f'konformità mal-proċedura li tinsab fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE. L-obbligazzjonijiet kollha mġarrba mis-setgħa eċċezzjonali u temporanja għas-self tal-fondi jenħtieġ li jitħallsu lura kompletament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni baġitarja effiċjenti tal-appropriazzjonijiet meħtieġa biex jiġi kopert il-ħlas lura tal-fondi mislufa, huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-impenji baġitarji sottostanti jitqassmu f'pagamenti akkont annwali.

- (21) Jenħtieġ li l-iskeda tal-ħlas lura tirrispetta l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tkopri l-volum sħiħ tal-fondi mislufa taħt is-setgħa tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jinkiseb tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet matul il-perijodu globali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ammonti dovuti mill-Unjoni f'sena partikolari għall-ħlas lura tal-kapital ma jaqbżux 7,5 % tal-ammont massimu ta' EUR 390 000 miljun għall-infiq.
- (22) Minħabba l-karatteristiċi tas-setgħa eċċezzjonali, temporanja u limitata mogħtija lill-Kummissjoni biex tissellef fondi bl-iskop li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li jiġi ċċarat li, bħala regola, l-Unjoni jenħtieġ li ma tużax il-fondi mislufa fis-swieq kapitali għall-finanzjament tal-infiq operazzjonali.

(23) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun dejjem kapaċi tissodisfa f'waqthom l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi, jenħtieġ li jiġu previsti regoli speċifiċi minn din id-Deċiżjoni li jawtorizzaw lill-Kummissjoni, matul il-perijodu ta' żieda temporanja fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji, li ssejjaħ lill-Istati Membri biex jagħmlu proviżorjament disponibbli r-riżorsi tal-flus kontanti rilevanti jekk l-appropriazzjonijiet awtorizzati mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni ma jkunux biżżejjed biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mis-self marbut ma' dik iż-żieda temporanja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala l-aħħar għażla, tkun tista' biss tirrikorri għal flus kontanti jekk ma tkunx tista' tiġġenera l-likwidità neċessarja billi tattiva miżuri oħra ta' ġestjoni attiva ta' flus kontanti, inkluż jekk ikun neċessarju, permezz ta' rikors għal finanzjament fuq terminu qasir mis-swieq kapitali, sabiex tiżgura l-konformità f'waqtha mal-obbligi tal-Unjoni fir-rigward tas-selliefa. Huwa xieraq li jkun stipulat li tali sejħiet jenħtieġ li jiġi jitħabbru mill-Kummissjoni lill-Istati Membri debitament minn qabel u jenħtieġ li jkunu strettament *pro rata* mad-dħul tal-baġit stmat ta' kull Stat Membru, u fi kwalunkwe każ, limitati għas-sehem tagħhom tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji temporanjament miżjud, jiġifieri 0,6 % tad-DNG tal-Istati Membri. Madankollu, jekk Stat Membru, kompletament jew parzjalment, jonqos milli jonora sejhja fil-ħin, jew jekk jinnotifika lill-Kummissjoni li mhux ser ikun jista' jonora sejhja, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata xorta waħda, fuq bażi proviżorja, li tagħmel talbiet addizzjonali lil Stati Membri oħra fuq bażi *pro rata*. Huwa xieraq li jiġi pprovdut ammont massimu li l-Kummissjoni tista' titlob kull sena minn Stat Membru. Il-Kummissjoni mistennija tippreżenta l-proposti meħtieġa bl-iskop li jiddaħħal l-infiq kopert mill-ammonti ta' riżorsi ta' flus kontanti proviżorjament mogħtija mill-Istati Membri fil-baġit tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li daww ir-riżorsi jitqiesu kmieni kemm jista' jkun bl-iskop li r-riżorsi proprji jiġu akkreditati f'kontijiet mill-Istati Membri, jiġifieri f'konformità mal-qafas legali applikabbli u għaldaqstant abbażi tal-koeffiċjenti tad-DNG rispettivi u mingħajr preġudizzju għal riżorsi proprji oħra jew dħul ieħor.

- (24) F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 tat-TFUE, ser jiġi adottat Regolament tal-Kunsill li jstipula miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu dispożizzjonijiet ta' natura ġenerali u teknika li jkunu applikabbli għall-kategoriji kollha ta' riżorsi proprji. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu regoli ddettaljati għall-kalkolu u l-ibbaġitjar tal-bilanċ, kif ukoll id-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti meħtieġa għall-kontroll u s-superviżjoni tal-ġbir tar-riżorsi proprji.
- (25) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ biss ladarba tkun ġiet approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom u b'hekk tiġi rrispettata bis-sħiħ is-sovranià nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 innota l-intenzjoni tal-Istati Membri li jipproċedu bl-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-aktar fis possibbli. (26) Għal raġunijiet ta' konsistenza, kontinwità u ċertezza legali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mis-sistema li ddaħħlet bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom¹, għal dik prevista f'din id-Deċiżjoni.
- (27) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/335/UE titħassar.
- (28) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-ammonti monetarji kollha jiġu espressi f'euro.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

- (29) Minħabba l-bżonn urġenti li jkun jista' jsir self bil-ħsieb li jiġu ffinanzjati miżuri biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tasal l-aħħar notifika tat-tlestija tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (30) Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn is-sistema riveduta tar-riżorsi proprji u sabiex din id-Deċiżjoni tkun tikkoinċidi mas-sena finanzjarja, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi proprji għall-Unjoni sabiex jiġi ggarantit l-iffinanzjar tal-baġit annwali tal-Unjoni.

Artikolu 2

Kategoriji tar-riżorsi proprji u metodi speċifiċi għall-kalkolu tagħhom

1. Id-dħul minn dawn li ġejjin għandu jikkostitwixxi riżorsi proprji mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni:
 - (a) riżorsi proprji tradizzjonali li jikkonsistu minn imposti, premiums, ammonti addizzjonali jew kumpensatorji, ammonti jew fatturi addizzjonali, dazji tat-Tariffa Doganali Komuni u dazji oħra stabbiliti, jew li għandhom jiġu stabbiliti, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, dazji doganali fuq prodotti skont it-Trattat skadut li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, kif ukoll kontribuzzjonijiet u dazji oħra previsti fil-qafas tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fiz-zokkor;
 - (b) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ta' 0,30 % għall-Istati Membri kollha għall-ammont totali ta' riċevuti tal-VAT miġbura fir-rigward tal-provvisti taxxabbli kollha diviż bil-medja ponderata tar-rata tal-VAT ikkalkulata għas-sena kalendarja rilevanti kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89¹. Għal kull Stat Membru, il-bażi tal-VAT li għandha titqies għal dan l-għan ma għandhiex taqbeż 50 % tad-DNG;

¹ Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

- (c) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru li mhux irriċiklat. Ir-rata ta' ġbir uniformi għandha tkun ta' EUR 0,80 kull kilogramm. Għandu japplika tnaqqis annwali ta' somma f'daqqa għal ċerti Stati Membri kif definit fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2;
- (d) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir, li għandha tiġi ddeterminata skont il-proċedura baġitarja fid-dawl tat-total tad-dħul l-ieħor kollu, għas-somma tad-DNG tal-Istati Membri kollha.

2. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, "plastik" għandha tfisser polimeru skont it-tifsira tal-punt (5) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li miegħu setgħu ġew miżjuda addittivi jew sustanzi oħra; "skart mill-imballaġġ" u "riċiklaġġ" għandhom it-tifsira assenjata lil dawk it-termini fil-punti (2) u (2c) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE² rispettivament, u kif użati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE³.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

² Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tal-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 86, 5.4.2005, p. 6).

Il-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li mhux irriċiklat għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn il-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat fi Stat Membru f'sena partikolari u l-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li jkun irriċiklat f'dik is-sena li hija determinata skont id-Direttiva 94/62/KE.

L-Istati Membri li ġejjin għandhom ikunu intitolati għal tnaqqis annwali ta' somma f'daqqa, espress bi prezzijiet attwali, li għandu jiġi applikat għall-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 fl-ammont ta' EUR 22 miljun għall-Bulgarija, EUR 32,1876 miljun għaċ-Ċekja, EUR 4 miljun għall-Estonja, EUR 33 miljun għall-Greċja, EUR 142 miljun għal Spanja, EUR 13-il miljun għall-Kroazja, EUR 184,0480 miljun għall-Italja, EUR 3 miljun għal Ċipru, EUR 6 miljun għal-Latvja, EUR 9 miljun għal-Litwanja, EUR 30 miljun għall-Ungerija, EUR 1,4159 miljun għal Malta, EUR 117-il miljun għall-Polonja, EUR 31,3220 miljun għall-Portugall, EUR 60 miljun għar-Rumanija, EUR 6,2797 miljun għas-Slovenja u EUR 17-il miljun għas-Slovakkja.

3. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, ir-rata uniformi ta' għbir għandha tapplika għad-DNG ta' kull Stat Membru.

Id-DNG kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ifisser d-DNG annwali bil-prezzijiet tas-suq, kif previst mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

4. Għall-perijodu 2021-2027, l-Istati Membri li ġejjin għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet tagħhom bbażati fuq id-DNG skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' EUR 565 miljun għall-Awstrija, EUR 377 miljun għad- Danimarka, EUR 3 671 miljun għall-Ġermanja, EUR 1 921 miljun għan-Netherlands u EUR 1 069 miljun għall-Iżvezja. Dawn l-ammonti għandhom jitkejlu skont il-prezzijiet tal-2020 u jiġu aġġustati għall-prezzijiet attwali bl-applikazzjoni tad-deflatur l-aktar reċenti tal-prodott domestiku gross għall-Unjoni, espress f'euro, kif previst mill-Kummissjoni, li jkun disponibbli meta jiffassal l-abbozz ta' baġit. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha.
5. Jekk, fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-baġit tal-Unjoni ma jkunx ġie adottat, ir-rati ta' ġbir uniformi ta' qabel ibbażati fuq id-DNG għandhom jibqgħu japplikaw sakemm jidħlu fis-seħħ ir-rati l-ġodda.

Artikolu 3

Limiti massimi tar-riżorsi proprji

1. L-ammont totali tar-riżorsi proprji allokat għall-Unjoni sabiex jiġu koperti l-appropriazzjonijiet annwali għal pagamenti ma għandux jeċċedi 1,40 % tas-somma tad-DNG tal-Istati Membri kollha.
2. L-ammont totali annwali tal-appropriazzjonijiet għal impenji li jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni ma għandux jeċċedi 1,46 % tas-somma tad-DNG tal-Istati Membri kollha.
3. Għandu jinżamm proporzjon ordnat bejn l-appropriazzjonijiet għal impenji u l-appropriazzjonijiet għal pagamenti sabiex tiġi ggarantita l-kompatibbiltà tagħhom u sabiex ikun hemm konformità mal-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 1 fis-snin ta' wara.

4. Fejn l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fil-livell tad-DNG, il-Kummissjoni għandha tikkalkula mill-ġdid il-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 bħala temporanjament miżjuda f'konformità mal-Artikolu 6 abbażi tal-formula li ġejja:

$$x \% (y \%) \times \frac{GNI_{t-2} + GNI_{t-1} + GNI_t \text{ ESA attwali}}{GNI_{t-2} + GNI_{t-1} + GNI_t \text{ ESA modifikata}}$$

fejn:

- "x %" hija l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għal approprjazzjonijiet għal pagamenti;
- "y %" hija l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għal approprjazzjonijiet għal impenji;
- "t" hija l-aħħar sena sħiħa li għaliha hija disponibbli d-data definita mir-Regolament (UE) Nru 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
- "ESA" hija s-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni.

Artikolu 4

Użu ta' fondi mislufa fuq is-swieq kapitali

L-Unjoni ma għandhiex tuża fondi mislufa fuq is-swieq kapitali għall-finanzjament tal-infiq operazzjonali.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (Regolament dwar id-DNG) (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19).

Artikolu 5

Mezzi addizzjonali straordinarji u temporanji biex jiġu indirizzati

l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19

1. Għall-iskop uniku li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 permezz tar-Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi Strument għall-Irkupru tal-Unjoni Ewropea u l-leġislazzjoni settorjali msemmija fih:
 - (a) il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissellef fondi fuq is-swieq kapitali fisem l-Unjoni sa EUR 750 000 miljun bi prezzijiet tal-2018. L-operazzjonijiet mutwatarji għandhom jitwettqu f'euro;
 - (b) sa EUR 360 000 miljun bi prezzijiet tal-2018 mill-fondi mislufa jistgħu jintużaw biex jingħata self u, b'deroga mill-Artikolu 4, sa EUR 390 000 miljun bi prezzijiet tal-2018 mill-fondi mislufa jistgħu jintużaw għall-infiq.

L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi aġġustat abbażi ta' deflatur fiss ta' 2 % kull sena. Kull sena l-Kummissjoni għandha tikkomunika l-ammont kif aġġustat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi s-self imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu sabiex ma jsir l-ebda self nett ġdid wara l-2026.

2. Il-ħlas lura tal-kapital tal-fondi mislufa biex jintużaw għall-infiq kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-imgħax dovut relatat għandhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. L-impenji baġitarji jistgħu jinqas fuq medda ta' seba' snin f'pagamenti parzjali annwali f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

Il-ħlas lura tal-fondi msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun skedat, f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, sabiex jiġi żgurat it-tnaqqis kostanti u prevedibbli tal-obbligazzjonijiet. Il-ħlasijiet lura tal-kapital tal-fondi għandhom jibdew qabel tmiem il-perijodu tal-QFP 2021–2027, b'ammont minimu, sa fejn jippermettu l-ammonti mhux użati għall-pagamenti tal-imgħax dovuti taħt is-self imsemmi fil- paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE. L-obbligazzjonijiet kollha mġarrba permezz tas-setgħa eċċezzjonali u temporanja tal-Kummissjoni li tissellef fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu lura kollha sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.

L-ammonti dovuti mill-Unjoni f'sena partikolari għall-ħlas lura tal-kapital tal-fondi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandhomx jaqbu 7,5 % tal-ammont massimu li għandu jintuża għall-infiq imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji. Il-Kummissjoni, b'mod regolari u komprensiv, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn tagħha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kalendarju tal-ħruġ li jkun fih id-dati tal-ħruġ u l-volumi mistennija għas-sena li jmiss kif ukoll pjan li jistipula l-pagamenti prinċipali u ta' imgħax mistennija, u tikkomunikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dak il-kalendarju b'mod regolari.

Artikolu 6

Żieda straordinarja u temporanja fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19

Il-limiti massimi li jinsabu fl-Artikolu 3(1) u (2) għandhom temporanjament jiżdiedu kull wieħed b'0,6 punti perċentwali għall-iskop uniku li jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mis-self imsemmi fl-Artikolu 5 sakemm dawn l-obbligazzjonijiet kollha ma jibqgħux jeżistu, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.

Iż-żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji ma għandhomx jintużaw biex jiġu koperti xi obbligazzjonijiet oħra tal-Unjoni.

Artikolu 7

Prinċipju tal-universalità

Id-dħul imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jintuża mingħajr distinzjoni biex jiġi ffinanzjat l-infiq kollu mdaħħal fil-baġit annwali tal-Unjoni.

Artikolu 8
Riport tas-surplus

Kull surplus fid-dħul tal-Unjoni fuq l-infiq attwali totali matul sena finanzjarja għandu jiġi riportat għas-sena finanzjarja ta' wara.

Artikolu 9
Ġbir tar-riżorsi proprji u d-disponibbiltà tagħhom għall-Kummissjoni

1. Ir-riżorsi proprji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) għandhom jinġabru mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali imposti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jadattaw dawk id-dispożizzjonijiet sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-regoli tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha teżamina d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti kkomunikati lilha mill-Istati Membri, tibgħat l-aġġustamenti li tqis li huma neċessarji lill-Istati Membri sabiex tiżgura li huma jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni u, jekk ikun hemm bżonn, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala kost tal-ġbir, 25 % tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1).
3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu r-riżorsi proprji previsti fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni disponibbli għall-Kummissjoni, f'konformità mar-regolamenti adottati skont l-Artikolu 322(2) TFUE.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014¹, jekk l-appropriazzjonijiet awtorizzati mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni ma jkunux biżżejjed biex l-Unjoni tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw mis-self imsemmi fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni u l-Kummissjoni ma tkunx tista' tiġġenera l-likwidità neċessarja billi tattiva miżuri oħra previsti mill-arranġamenti finanzjarji li japplikaw għal tali self fil-ħin sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tal-Unjoni, inkluż permezz ta' ġestjoni attiva tal-flus kontanti u, jekk meħtieġ, permezz ta' rikors għal finanzjament fuq perijodu ta' żmien qasir fuq is-swieq kapitali b'konsistenza mal-kondizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom, bħala l-aħħar għażla tal-Kummissjoni, jagħmlu r-riżorsi meħtieġa għal dak l-iskop disponibbli għall-Kummissjoni. F' każijiet bħal dawn, il-paragrafi 5 sa 9 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw b'deroga mill-Artikolu 14(3) u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.
5. Soġġett għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, il-Kummissjoni tista' ssejjaħ lill-Istati Membri biex b'mod proviżorju jipprovdut d-differenza bejn l-assi globali u r-rekwiżiti tar-riżorsi ta' flus kontanti, b'mod proporzjonat ("*pro rata*") għad-dħul tal-baġit stmat ta' kull wieħed minnhom. Il-Kummissjoni għandha tħabbar tali sejħiet lill-Istati Membri minn qabel b'mod xieraq. Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi djalogu strutturat mal-uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn u t-teżori nazzjonali fir-rigward tal-ħruġ u l-iskedi tal-ħlas lura tagħha.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

Jekk Stat Membru jonqos, b'mod sħiħ jew parzjali, milli jonora sejħa fil-ħin, jew jekk jinnotifika lill-Kummissjoni li mhux ser ikun jista' jonora sejħa, il-Kummissjoni, sabiex tkopri l-parti li tikkorrispondi għall-Istat Membru kkonċernat, proviżorjament għandu jkollha d-dritt li tagħmel sejħiet addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra. Tali sejħiet għandhom ikunu *pro rata* għad-dħul tal-baġit stmat ta' kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra. L-Istat Membru li jkun naqas milli jonora sejħa għandu jibqa' responsabbli li jonoraha.

6. L-ammont annwali totali massimu ta' riżorsi ta' flus kontanti li jista' jintalab minn Stat Membru skont il-paragrafu 5 għandu, fiċ-ċirkostanzi kollha, ikun limitat għas-sehem relattiv tiegħu bbażat fuq id-DNG fiż-żieda straordinarja u temporanja tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji kif imsemmi fl-Artikolu 6. Għal dan l-iskop, is-sehem relattiv ibbażat fuq id-DNG għandu jiġi kkalkulat bħala s-sehem fid-DNG totali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-kolonna rispettiva fil-parti tad-dħul tal-aħħar baġit annwali tal-Unjoni adottat.
7. Kwalunkwe provvedimenti ta' riżorsi ta' flus kontanti skont il-paragrafi 5 u 6 għandu jiġi kkumpensat mingħajr dewmien f'konformità mal-qafas legali applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
8. L-infiq kopert mill-ammonti tar-riżorsi ta' flus kontanti mogħtija mill-Istati Membri b'mod proviżorju f'konformità mal-paragrafu 5 għandu jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni mingħajr dewmien sabiex jiġi żgurat li d-dħul relatat jitqies kmieni kemm jista' jkun bl-iskop li r-riżorsi proprji tal-Istati Membri jiġu akkreditati f'kontijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

9. Fuq bażi annwali, l-applikazzjoni tal-paragrafu 5 ma għandhiex twassal għal rikors għal riżorsi ta' flus kontanti li jaqbeż il-limiti massimi għar-riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 3 kif miżjuda f'konformità mal-Artikolu 6.

Artikolu 10

Miżuri ta' implimentazzjoni

Il-Kunsill għandu, jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE, fir-rigward tal-elementi li ġejjin tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni:

- (a) il-proċedura għall-kalkolu u l-ibbaġitjar tal-bilanċ baġitarju annwali kif stabbilit fl-Artikolu 8;
- (b) id-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti meħtieġa għall-kontroll u s-superviżjoni tal-ġbir tar-riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 2(1) u kull rekwiżit rilevanti ta' rappurtar.

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet finali u tranżizzjonali

1. Soġġett għall-paragrafu 2, titfassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE Euratom. Kull referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 70/243/KEFA, KEE, Euratom¹, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/257/KEE, Euratom², għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE, Euratom³, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom⁴, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom⁵, għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom⁶ jew għad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom għandha tittieħed bħala referenza għal din id-Deċiżjoni; referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinqraw f'konformità ma-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 70/243/KEFA, KEE, Euratom tal-21 ta' April 1970 dwar is-sostituzzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri mir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 94, 28/04/1970, p. 19).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 85/257/KEE, Euratom tas-7 ta' Mejju 1985 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 128, 14/5/1985, p. 15).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE, Euratom tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 24).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom tal-31 ta' Ottubru 1994 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 293, 12/11/1994, p. 9).

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 253, 7/10/2000, p. 42).

⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17).

2. L-Artikoli 2, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom, l-Artikoli 2, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom, l-Artikoli 2, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom u l-Artikoli 2, 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom għandhom jibqgħu japplikaw għall-kalkolu u l-aġġustament tad-dħul dovut mill-applikazzjoni tar-rata ta' ġbir għall-bażi tal-VAT iddeterminata b'mod uniformi u limitata sa bejn 50 % u 55 % tal-PNG jew tad-DNG ta' kull Stat Membru, skont is-sena rilevanti, għall-kalkolu tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji mogħtija lir-Renju Unit fis-snin 1995 sa 2020 u għall-kalkolu tal-finanzjament tal-korrezzjonijiet mogħtija lir-Renju Unit minn Stati Membri oħra.
3. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jżommu, bħala kost tal-ġbir, 10 % tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) li kellhom ikunu magħmula disponibbli mill-Istati Membri qabel it-28 ta' Frar 2001 f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.
4. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jżommu, bħala kost tal-ġbir, 25 % tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) li kellhom ikunu magħmula disponibbli mill-Istati Membri bejn l-1 ta' Marzu 2001 u t-28 ta' Frar 2014 f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.
5. L-Istati Membri għandhom jibqgħu jżommu, bħala kost tal-ġbir, 20 % tal-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) li kellhom ikunu magħmula disponibbli mill-Istati Membri bejn l-1 ta' Marzu 2014 u t-28 ta' Frar 2021 f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.
6. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-ammonti monetarji kollha għandhom jiġu espressi f'euro.

Artikolu 12
Dħul fis-seħħ

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istati Membri b'din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien malli jitlestew il-proċeduri għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tkun waslet l-aħħar notifika min-notifiki msemmija fit-tieni paragrafu.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 13
Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)(a)	Artikolu 2(1)(a)
Artikolu 2(1)(b)	Artikolu 2(1)(b)
	Artikolu 2(1)(c)
Artikolu 2(1)(c)	Artikolu 2(1)(d)
Artikolu 2(2)	
Artikolu 2(3)	Artikolu 9(2)
Artikolu 2(4)	Artikolu 2(1)(b)-
Artikolu 2(5)	Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu u Artikolu 2(4)-
Artikolu 2(6)	Artikolu 2(5)
Artikolu 2(7)	Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu u Artikolu 3(4) -
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(2) u (3)
Artikolu 3(3)	-
Artikolu 3(4)	Artikolu 3(4)
Artikolu 4	-
	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
	Artikolu 6

Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8(1)	Artikolu 9(1)
Artikolu 8(2)	Artikolu 9(3)
	Artikolu 9(4) sa (9)
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10(1)	Artikolu 11(1)
Artikolu 10(2)	Artikolu 11(2)
Artikolu 10(3)	Artikolu 11(3)
Artikolu 10(3) it-tieni subparagrafu	Artikolu 11(4)
-	Artikolu 11(5)
Artikolu 10(4)	Artikolu 11(6)
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12	
	Artikolu 13